**Fil-Qorti Tal-Magistarti (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Mag Simone Grech LL.D**

**Il- Pulizija**

**(Spettur Christina Delia)**

**Vs**

**David Attard**

**Illum, 10 ta' Awwissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra David Attard ta' 57 sena mwieled Hal-Lija nhar l-1 ta' Novembru 1961, iben Saviour u Maria nee' Fenech u residenti Nru 5, My Rest, Triq A. Cuschieri, Birkirkara, Malta detentur tal-karta ta' l-identita' numru 743861M fejn gie akkuzat li:

*"….fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Awwissu 2019 ghal habta ta' bejn nofs il-lejl neqsin ghaxra (23:50Hrs) u in-nofs siegha ta' filghodu (00:30Hrs) gewwa il-fond Nru.23, Triq Hughes Hallet Sliema:*

*1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Salvina k/a Sally Spiteri Bezzina il-partner tieghu persuna ta' 64 sena skont kif iccertifika Dr.Thomas Calleja Numru tar-Registrazzjoni 5940 ta` l-Isptar Mater Dei;*

*U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Awwissu 2019 gewwa Hal-Lija u f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer:*

*2. Ghamel lill Salvina k/a Sally Spiteri Bezzina ingurji u/jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien prrovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.*

*Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta` htija jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;*

*Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta` Salvina k/a Sally Spiteri Bezzina billi jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;*

*Il-Qorti giet mitluba ukoll flimkien ma` hrug ta` ordni ta` protezzjoni tohrog ordni ta` trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta` l-akkuzat David Attard u dan ai termini 412D tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta."*

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur;

Semghet ammissjoni da parti ta' l-akkuzat liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien ragonevoli biex jirrikonsidra tali ammissjoni u wara li gie spjegat lilu l-pieni li jgibu maghhom l-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu.

**Decide.**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 31, 216, 222A(1) 339(1)(e), 412C, 412D u 543 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil David Attard hati ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghal tmintax-il xahar [18] prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A talKap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb lil imputat probationer.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.

Il-Qorti tordna wkoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li qed tinibixxi lil imputat ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum li ma jimmolestax jew javvicina lil vittma u dana ai termini tad-digriet ta' l-ordni ta' protezzjoni li qed jigi anness ma' din is-sentenza u li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, stante li din il-Qorti tqis li hemm iċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa għalxiex isir ordni taħt l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament u dan għal perjodu ta' tlett snin millum u dan skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza u inoltre l-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation sabiex jara li l-istess Ordni jiġi mwettaq skont il-Liġi.

Finalment, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**Magistrat Simone Grech**